MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2011

Numru. 644/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Joseph Brincat**

Kumpilazzjoni 644/2011

**Illum, 2 ta' Gunju 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Joseph Brincat, ta' 50 sena, bin Henry u Dolores nee Williams, imwieled Pieta' f'l-24 ta' Novembru 1960 u residenti fil-fond 22 Triq Mons Alfred Mifsud Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 8661(M).

Akkuzat talli nhar it-18 ta’ Mejju 2011 ghal habta tad-09.17hrs f’dawn il-Gzejjer,

1. iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur ta’l- artikolu 110(2) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, permezz ta’ xi *network* jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat u / jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur ta’l- artikolu 45A(a)(c) ta’ Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. xjentement issoprima jew b’xi mod ieħor qered jew bidel it-traċċi jew l-indizji ta’ reat u dan bi ksur ta’ l-artikolu 111(2) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. u aktar talli b’hekk ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, waqt perijodu operattiv ta’ conditional discharge ghal zmien xahrejn li giet imposta fuqu mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella LL.D. b’sentenza datata 11 ta’ April 2011;

5. kif ukoll kiser kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Silvio Meli LL.D fit-22 ta’ Ottubru 2009, f’dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta’ € 10,000 u depozitu ta’ € 5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Joseph Brincat u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta’ €10,000 bhala garanzija personali u €5,000 bhala depozitu, jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjeż li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 110(2), 111(2), u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 45A(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat.

Illi l-imputazzjoni principali migjuba kontra l-imputat hija dik ta' simulazzjoni ta' reat. Huwa, permezz ta' telefonata lill-linja ta' emergenza 112, qal li kienet tpoggiet bomba f'l-edificju tal-Qorti. Dan wassal biex jigu sospiezi s-seduti li kienu ghaddejjin, jigi evakwat il-bini tal-Qorti, u jissejhu s-servizzi relattivi tal-Pulizija u tal-Forzi Armati ta' Malta. B'l-agir tieghu l-imputat mhux biss ghamel uzu hazin mill-linja ta' l-emergenza b'mod li seta' fixkel lil xi hadd li genwinament kellu bzonn (potenzjalment f'sitwazzjoni ta' hajja u mewt) icempel lis-servizzi ta' l-emergenza, u mhux biss wassal ghal hafna hela ta' rizorsi imma anke kien ta' inkonvenjent kbir ghall-mijiet ta' nies li (bhala partijiet jew

bhala xhieda) kellhom il-kawzi taghhom posposti jew addirittura differiti.

Illi l-kommissjoni ta’ dan ir-reat sar fil-perjodu ta’ liberta kondizzjonata u fi zmien meta fil-konfront ta’l-imputat kien hemm vigenti degriet ta’ helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ta’ natura volontarja.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m’ghandha l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja effettiva ghar-reati principali li taghhom qed jinstab hati llum (cioe l-ewwel, it-tieni u t-tielet impujtazzjonijiet) u li titratta mieghu ghar-reat li tieghu instab hati fil-11 ta’ April 2011 u dwaru gie liberat ai termini ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446. B’ referenza ghall-hames imputazzjoni u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz in ezami u tal-fatt li fil-konfront ta’l-imputat ser tigi imposta piena karcerarja effettiva ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi multa ghal dan ir-reat. In oltre hija tal-fehma ukoll li mhux il-kaz li jigi revokat id-degriet tat-22 ta’ Ottubru 2009 li permezz tieghu l-imputat inghata l-helsien mill-arrest jew li tikkonfiska d-depozitu u l-garanzija relattivi ghall-istess.

Illi f’l-ikkalibrar tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll min-naha l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u min-naha l-ohra l-fedina penali ta’ l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 110(2), 111(2) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 45A(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija; fir-rigward tar-raba imputazzjoni b’applikazzjoni ta’l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 taghzel li titratta mieghu ghar-reat li tieghu nstab hati fil-11 ta’ April 2011 daqs li kieku ghadu kemm instab hati u ta’ dan ir-reat tikkundannah multa ta’ mitejn Euro (€200); u ghal-hames imputazzjoni tikkunannah multa ta’ erbgha mitt Euro (€400). Il-multi hawn imposti ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur. Ghar-ragunijiet fuq premessi u in vista tal-piena mghotija l-Qorti

qed tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u ghall-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tad-depozitu u tal-garanzija personali moghtija mill-imputat f’l-ghoti tal-helsien mill-arrest fit-22 ta’ Ottubru 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------